**L-Eżami ta' Nofs is-Sena Tas-Sitt Sena Primarja**

# IL-MALTI: IS-SMIGĦ

**Ħin: 30 minuta**

## IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

Merħba tfal!

Matul is-sezzjoni tas-smigħ ser tisma' żewġ siltiet.

Jekk trid, tista' tibda taħdem l-eżerċizzji fl-iskript li għandek quddiemek waqt li qed tisma' l-qari tas-siltiet.

Kull silta, flimkien mal-eżercizzji se naqrahomlok darbtejn. Issa nitolbok tiftaħ l-iskript li għandek quddiemek u ssib paġna 2.

**[pawża ta' 10 sekondi]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra taħriġ A u taħriġ B tal-ewwel silta.

**[pawża ta' 25 sekonda]**

Issa se naqralek l-ewwel silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**[L-Ewwel Silta]**

**IL-ĠRADEN TAL-LARINĠ**

Is-siġar tal-larinġ u varjetajiet oħra taċ-ċitru kienu fost l-aktar siġar meqjusa importanti fil-gżejjer Maltin. Frotta bnina, sustanzjuża u itjeb minn ta' Malta diffiċli biex issib. Il-frott tal-larinġ issibu bejn Diċembru u April.

Is-siġar tal-larinġ huma siġar delikati u jirrikjedu ħafna lqugħ mir-riħ, kif ukoll ammont ta' ilma fis -Sajf. Għaldaqstant kull ġardin ikun mgħammar b'ġiebja jew ġibjun imdaqqas biex jinħażen l-ilma tax-xita. Il-ġebel li jinqata' mill-istess ġibjun kien jintuża biex jinbnew il-ħitan għoljin biex iservu ta' lqugħ għar-riħ. Fuq kull ġibjun kien jinbena l-plier, fejn tiddendel it-tarjola biex jittella' l-ilma.

Fil-ġraden kont issib l-aktar siġar tal-larinġ, iżda kultant issib ukoll siġar oħrajn tal-frott u xi drabi kont issib ukoll tal-frott eżotiku jew ornamentali.

Ħafna mill-ġraden issibhom fuq wara tad-dar jew mal-ġenb. Xi kultant issib ukoll xi ġardin fir-raba'. Il-kultura tal-ġraden baqgħet ukoll sas-Sittinijiet, fejn kważi kull min jibni daru kien jaħseb għal xi ġardina żgħira fejn ikun jista' jrawwem nofs tużżana siġar tal-frott.

Illum il-folja nqalbet. Fis-suq issib kull varjetà ta' frott impurtat kważi s-sena kollha, u ħafna mill-ġraden spiċċaw inbnew fi djar u appartamenti. Il-ftit ġonna li baqa', uħud minnhom igawdu minn protezzjoni speċjali ddisinjata għall-ġonna, iżda l-kumplament qegħdin taħt il-kundanna tal-iżvilupp.

(Addattat mill-artiklu ta' Philip Camilleri għal Pubblikazzjoni NISĠET ARTNA maħruġa mis-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.)

**Issa se naqralek taħriġ A.**
Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**
Il-larinġa hija frotta bnina u ____________________. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.
Il-larinġa hija frotta bnina u **<u>sustanzjuża</u>.**

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn:**
Il-ġiebja fil-ġardina hija bżonnjuża biex ___________________ l-ilma tax-xita. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta:**

Fil-ġraden issib siġar tal-larinġ, xi siġar tal-frott eżotiku jew anke xi siġar ____________________. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa:**

Il-biċċa l-kbira, il-ġraden issibhom fuq wara tad-____________________ jew mal-ġenb. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa:**

Illum, fis-suq issib kull ____________________ ta' frott impurtat kważi s-sena kollha. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta:**

Il-maġġoranza tal-ġraden spiċċaw inbnew fi djar jew ____________________. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B fuq paġna 3.**

Qabbel kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.

F'kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:
**Il-frott tal-larinġ . . .**

F'kolonna B din is-sentenza tkompli.....
**issibu bejn Diċembru u April.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha. Mela s-sentenza sħiħa tiġi:
**Il-frott tal-larinġ issibu bejn Diċembru u April.**

Issa se naqralek **Kolonna A** u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | Is-siġar tal-larinġ għandhom bżonn |
| Numru tlieta: | Il-ġardin ikollu ħitan għoljin mibni |
| Numru erbgħa: | Il-ġibjun ikollu plier fejn tiddendel |
| Numru ħamsa: | Il-ġraden issibhom ma' xi dar u |
| Numru sitta: | Il-kultura tal-ġraden baqgħet |

Issa se naqralek **Kolonna B**:
.... lqugħ mir-riħ u ilma fix-xhur nixfin.
.... sas-Sittinijiet.
.... xi kultant fir-raba'.
.... issibu bejn Diċembru u April.
.... mill-ġebel li jkun inqata' għall-ġibjun.
.... it-tarjola biex jittella' l-ilma.

**[pawża ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb]**

Se nerġa' naqralek is-silta kollha għat-tieni u l-aħħar darba. Waqt li qed tisma' tista' tkompli taħdem u tispiċċa l-eżerċizzju.

## IL-ĠRADEN TAL-LARINĠ

Is-siġar tal-larinġ u varjetajiet oħra taċ-ċitru kienu fost l-aktar siġar meqjusa importanti fil-gżejjer Maltin. Frotta bnina, sustanzjuża u itjeb minn ta' Malta diffiċli biex issib. Il-frott tal-larinġ issibu bejn Diċembru u April.

Is-siġar tal-larinġ huma siġar delikati u jirrikjedu ħafna lqugħ mir-riħ, kif ukoll ammont ta' ilma fis -Sajf. Għaldaqstant kull ġardin ikun mgħammar b'ġiebja jew ġibjun imdaqqas biex jinħażen l-ilma tax-xita. Il-ġebel li jinqata' mill-istess ġibjun kien jintuża biex jinbnew il-ħitan għoljin biex iservu ta' lqugħ għar-riħ. Fuq kull ġibjun kien jinbena l-plier, fejn tiddendel it-tarjola biex jittella' l-ilma.

Fil-ġraden kont issib l-aktar siġar tal-larinġ, iżda kultant issib ukoll siġar oħrajn tal-frott u xi drabi kont issib ukoll tal-frott eżotiku jew ornamentali.

Ħafna mill-ġraden issibhom fuq wara tad-dar jew mal-ġenb. Xi kultant issib ukoll xi ġardin fir-raba'. Il-kultura tal-ġraden baqgħet ukoll sas-Sittinijiet, fejn kważi kull min jibni daru kien jaħseb għal xi ġardina żgħira fejn ikun jista' jrawwem nofs tużżana siġar tal-frott.

Illum il-folja nqalbet. Fis-suq issib kull varjetà ta' frott impurtat kważi s-sena kollha, u ħafna mill-ġraden spiċċaw inbnew fi djar u appartamenti. Il-ftit ġonna li baqa', uħud minnhom igawdu minn protezzjoni speċjali ddisinjata għall-ġonna, iżda l-kumplament qegħdin taħt il-kundanna tal-iżvilupp.

(Addattat mill-artiklu ta' Philip Camilleri għal Pubblikazzjoni NISĠET ARTNA maħruġa mis-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali.)

**Se nerġa' naqralek taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**
Il-laringa hija frotta bnina u ___________________. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.
Il-laringa hija frotta bnina u **sustanzjuża**.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn:**
Il-ġiebja fil-ġardina hija bżonnjuża biex ___________________ l-ilma tax-xita. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta:**
Fil-ġraden issib siġar tal-larinġ, xi siġar tal-frott eżotiku jew anke xi siġar ___________________. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa:**
Il-biċċa l-kbira, il-ġraden issibhom fuq wara tad-___________________ jew mal-ġenb. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa:**
Illum, fis-suq issib kull ___________________ ta' frott impurtat kważi s-sena kollha. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta:**

Il-maġġoranza tal-ġraden spiċċaw inbnew fi djar jew ___________________.
Imla l-vojt bil-kelma t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa li qrajtlek taħriġ A, nistgħu ngħaddu għal taħriġ B fuq paġna 3.**

**Se naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

Qabbel kolonna A ma' Kolonna B billi ssib it-tweġiba t-tajba u tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda hija eżempju.

F'kolonna A, f'numru wieħed, naqraw:
**Il-frott tal-larinġ . . .**

F'kolonna B din is-sentenza tkompli.....
**issibu bejn Diċembru u April.**

Għalhekk ktibt numru wieħed fil-kaxxa ta' ħdejha. Mela s-sentenza sħiħa tiġi:
**Il-frott tal-larinġ issibu bejn Diċembru u April.**

Issa se naqralek **Kolonna A** u wara naqra Kolonna B. Waqt li qed naqra tista' tibda tqabbel iż-żewġ partijiet tas-sentenzi.

**Kolonna A:**

| | |
|---|---|
| Numru tnejn: | Is-siġar tal-larinġ għandhom bżonn |
| Numru tlieta: | Il-ġardin ikollu ħitan għoljin mibni |
| Numru erbgħa: | Il-ġibjun ikollu plier fejn tiddendel |
| Numru ħamsa: | Il-ġraden issibhom ma' xi dar u |
| Numru sitta: | Il-kultura tal-ġraden baqgħet |

Issa se naqralek **Kolonna B**:
.... lqugħ mir-riħ u ilma fix-xhur nixfin.
.... sas-Sittinijiet.
.... xi kultant fir-raba'.
.... issibu bejn Diċembru u April.
.... mill-ġebel li jkun inqata' għall-ġibjun.
.... it-tarjola biex jittella' l-ilma.

**[pawża ta' 10 sekondi għal min għadu jikteb]**
**Issa għandek minuta biex tiċċekkja Taħriġ A u Taħriġ B.**

**Dan huwa t-tmiem tal-ewwel silta.** Issa ngħaddu għat-tieni silta.

Nitolbok issib paġna 4 u 5.

**[pawża ta' 5 sekondi]**

Għandek ftit ħin biex tara u taqra Taħriġ A u Taħriġ B tat-tieni silta.

**[pawża ta' 45 sekonda]**

Tajjeb. Mela issa se nibdew it-Tieni Silta. Waqt il-qari tista' tibda taħdem l-eżerċizzji.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**[It-Tieni Silta]**

**L-Imnarja – Festa bi Tradizzjoni**

L-akbar avveniment agrikolu tas-sena wasal magħna u qed isiru l-aħħar tħejjijiet fil-ġonna tal-Buskett.

Fl-Imnarja, il-viżitaturi jistgħu japprezzaw il-ħidma tal-bdiewa u r-raħħala li jaħdmu qatiegħ is-sena kollha. Ħafna minn dawn il-bdiewa komplew fuq il-passi ta' missirijiethom li kienu l-pijunieri tal-wirjiet tal-Imnarja.

F'din il-wirja, jkun hemm esibituri li jtellgħu prodotti mkabbrin f'pajjiżna biss u se jkun hemm ukoll kompetituri li jikkompetu f' diversi klassijiet ta' ħxejjex, frott, ċereali, newl jew qoton li jintużaw fl-industrija tat-tessuti. F'din l-attività jkun hemm diversi speċi ta' bhejjem fosthom nagħaġ u mogħoż, baqar, żwiemel, klieb, tjur u fniek mrobbijin fl-irziezet lokali.

Kulħadd jista' jipparteċipa f'din il-wirja billi jibbukkja għand l-uffiċjali nkarigati fl-uffiċċju ġewwa l-Għammieri Triq Ħal Luqa, Luqa.

L-organizzaturi tal-wirja jistiednu l-pubbliku biex jattendu u jieħdu gost fl-atmosfera ferrieħa tal-ġonna tal-Buskett nhar l-Erbgħa 28 ta' Ġunju mill-ħamsa 'l quddiem u l-Ħamis 29 ta' Ġunju mis-sebgħa 'l quddiem. Se jkun hemm gabbani tal-ikel u tax-xorb.

Ir-rebbieħa se jingħataw premjijiet mill-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta assistita mis-Segretarju Parlamentari.

Se jkun hemm parkeġġ għal dawk li ġejjin minn bnadi differenti ta' Malta, fejn se jkun hemm ħafna spazju biex tipparkja fuq in-naħa ta' wara tal-Buskett kif ukoll fuq in-naħa l-oħra li twassal sar-Rabat u lejn Dingli Cliffs.

*Addattat minn artiklu li deher fil-Kulħadd tas-17 ta' Ġunju, 2017*

**[pawża ta' 3 sekondi]**

Ħalli nibdew minn **Taħriġ A**.

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (X) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**
L-Imnarja hija l-akbar avveniment agrikolu tas-sena. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx? Din **VERU.** Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **VERU.**

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
F'din l-attività jkun hemm diversi speċi ta' bhejjem fosthom nagħaġ u mogħoż. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
Biex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni, il-bdiewa u r-raħħala jridu jmorru jinkitbu l-Buskett. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa**
Din il-festa ssir biss l-Erbgħa 28 ta' Ġunju. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
Fl-għotja tal-premjijiet, il-banda se ddoqq l-Innu Malti. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta**

Il-viżitaturi ma jistgħux imorru bil-karozza tagħhom għax mhux se jkun hemm parkeġġ biżżejjed. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

Issa se ngħaddu għal **Taħriġ B**.

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-ewwel waħda li hija eżempju.

Għall-festa tal-Imnarja qed isiru l-aħħar tħejjijiet

a) fil-belt Valletta.

b) fil-pjazza ta' Ħal-Luqa.

ċ) fil-ġonna tal-Buskett.

Issa, inti smajt li l-għalliema qalet li l-aħħar tħejjijiet qed isiru fil-ġonna tal - Buskett. Mela t-tajba hija ċ.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru 2**

Fl-Imnarja, l-viżitaturi jistgħu japprezzaw il-ħidma tal-bdiewa u

a. l-baħħara.
b. r-raħħala.
c. n-naġġara.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru 3**

Il-bdiewa komplew fuq il-passi ta' missirijiethom li kienu

a. l-pirati tal-wirjiet tal-Imnarja.
b. l-parlamentari tal-wirjiet tal-Imnarja.
c. l-pijunieri tal-wirjiet tal-Imnarja.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru 4**

F'din il-wirja, jkun hemm esibituri li jtellgħu prodotti mkabbrin

a. f'pajjiżi ġirien tagħna.
b. f'Malta biss.
c. internazzjonalment.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru 5**

Il-kompetituri jistgħu jikkompetu f' diversi klassijiet ta' ħxejjex, frott u

a. ċereali.
b. xorb.
c. kotba.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru 6**

Il-premjijiet se jiġu mogħtija

a. mill-Prim Ministru.
b. mill-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta.
c. mill-Kappillan.

**[pawża ta' 30 sekondi għal min għadu jikteb]**

Issa se nerġa' naqralek it-tieni silta, għat-tieni u l-aħħar darba.
Waqt il-qari tista' tkompli taħdem l-eżerċizzji.

**[Tinqara t-tieni silta għat-tieni u l-aħħar darba]**

## L-Imnarja – Festa bi Tradizzjoni

L-akbar avveniment agrikolu tas-sena wasal magħna u qed isiru l-aħħar tħejjijiet fil-ġonna tal-Buskett.

Fl-Imnarja, il-viżitaturi jistgħu japprezzaw il-ħidma tal-bdiewa u r-raħħala li jaħdmu qatiegħ is-sena kollha. Ħafna minn dawn il-bdiewa komplew fuq il-passi ta' missirijiethom li kienu l-pijunieri tal-wirjiet tal-Imnarja.

F'din il-wirja, jkun hemm esibituri li jtellgħu prodotti mkabbrin f'pajjiżna biss u se jkun hemm ukoll kompetituri li jikkompetu f' diversi klassijiet ta' ħxejjex, frott, ċereali, newl jew qoton li jintużaw fl-industrija tat-tessuti. F'din l-attività jkun hemm diversi speċi ta' bhejjem fosthom nagħaġ u mogħoż, baqar, żwiemel, klieb, tjur u fniek mrobbijin fl-irziezet lokali.

Kulħadd jista' jipparteċipa f'din il-wirja billi jibbukkja għand l-uffiċjali nkarigati fl-uffiċċju ġewwa l-Għammieri Triq Ħal Luqa, Luqa.

L-organizzaturi tal-wirja jistiednu l-pubbliku biex jattendu u jieħdu gost fl-atmosfera ferrieħa tal-ġonna tal-Buskett nhar l-Erbgħa 28 ta' Ġunju mill-ħamsa 'l quddiem u l-Ħamis 29 ta' Ġunju mis-sebgħa 'l quddiem. Se jkun hemm gabbani tal-ikel u tax-xorb.

Ir-rebbieħa se jingħataw premjijiet mill-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta assistita mis-Segretarju Parlamentari.

Se jkun hemm parkeġġ għal dawk li ġejjin minn bnadi differenti ta' Malta, fejn se jkun hemm ħafna spazju biex tipparkja fuq in-naħa ta' wara tal-Buskett kif ukoll fuq in-naħa l-oħra li twassal sar-Rabat u lejn Dingli Cliffs.

*Addattat minn artiklu li deher fil-Kulħadd tas-17 ta' Ġunju, 2017*

**Issa ħa nerġa' naqralek Taħriġ A għat-tieni u l-aħħar darba.**

Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (X) fil-kaxxa t-tajba.
L-ewwel waħda hija eżempju.

**Numru wieħed:**
L-Imnarja hija l-akbar avveniment agrikolu tas-sena. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx? Din **VERU.** Għalhekk fil-kaxxa għamilt sinjal taħt **VERU.**

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tnejn**
F'din l-attività jkun hemm diversi speċi ta' bhejjem fosthom nagħaġ u mogħoż. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru tlieta**
Biex jipparteċipaw fil-kompetizzjoni, il-bdiewa u r-raħħala jridu jmorru jinkitbu l-Buskett. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru erbgħa**
Din il-festa ssir biss l-Erbgħa 28 ta' Ġunju. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru ħamsa**
Fl-għotja tal-premjijiet, il-banda se ddoqq l-Innu Malti. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru sitta**

Il-viżitaturi ma jistgħux imorru bil-karozza tagħhom għax mhux se jkun hemm parkeġġ biżżejjed. Veru, Falz, jew Ma Ssemmietx?

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Issa ħa nerġa' naqralek Taħriġ B għat-tieni u l-aħħar darba.**

F'dan it-taħriġ inti għandek tagħżel kif tkompli l-aħjar is-sentenza skont dak li smajt. Għandek tliet għażliet, imma waħda biss hija t-tajba.

Ejja naraw l-ewwel waħda li hija eżempju.

Għall-festa tal-Imnarja qed isiru l-aħħar tħejjijiet

a) fil-belt Valletta.

b) fil-pjazza ta' Ħal Luqa.

ċ) fil-ġonna tal-Buskett.

Issa, inti smajt li l-għalliema qalet li l-aħħar tħejjijiet qed isiru fil-ġonna tal-Buskett. Mela t-tajba hija ċ.

Issa ngħaddu għall-kumplament tas-sentenzi u tista' taħdimhom.

**Numru 2**

Fl-Imnarja, l-viżitaturi jistgħu japprezzaw il-ħidma tal-bdiewa u

a. l-baħħara.
b. r-raħħala.
c. n-naġġara.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru 3**

Il-bdiewa komplew fuq il-passi ta' missirijiethom li kienu

a. l-pirati tal-wirjiet tal-Imnarja.
b. l-parlamentari tal-wirjiet tal-Imnarja.
c. l-pijunieri tal-wirjiet tal-Imnarja.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru 4**

F'din il-wirja, jkun hemm esibituri li jtellgħu prodotti mkabbrin

a. f'pajjiżi ġirien tagħna.
b. f'Malta biss.
c. internazzjonalment.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru 5**

Il-kompetituri jistgħu jikkompetu f' diversi klassijiet ta' ħxejjex, frott u

a. ċereali.
b. xorb.
c. kotba.

**[pawża ta' 3 sekondi]**

**Numru 6**

Il-premjijiet se jiġu mogħtija

a. mill-Prim Ministru.
b. mill-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta.
c. mill-Kappillan.

**[pawża ta' 30 sekondi għal min għadu jikteb]**

**Issa għandek żewġ minuti biex tiċċekkja l-eżerċizzji kollha.**
**Grazzi. L-eżami tas-smigħ spiċċa.**
**Saħħa!**